MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 104/2003

**Tigrija Developments Limited**

**vs**

**Anna Caruana ezercitanti l-kummerc bid-ditta “Plus Sizes”**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal-kumpless bl-isem “Tigrija Palazz” bin-numru mija u tmienja (108) u tmienja u disghin (109) Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, b’entrata ohra minn Triq Putirjal.

Peress illi permezz skrittura privata ta’ l-ewwel (1) ta’ Novembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) l-attrici kriet lill-konvenuta l-units bin-numri 2S3 u 2S4 fis-sular terran ta’ dan il-kumpless ghal perjodu ta’ ghaxar snin (Dok. A).

Peress illi skond dan kundizzjoni numru sittax (16) ta’ dan il-ftehim, il-konvenuta kellha l-jedd li meta trid wara l-ewwel tlett snin, tittermina din il-kirja billi taghti preavviz ta’ sitt xhur bil-miktub lill-attrici.

Peress illi permezz ta’ fax tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ April elfejn u tlieta (2003) il-konvenuta avzat lill-kumpanija attrici illi hija kienet qed tittermina l-kirja. (Dok. B). Ghalhekk il-kera kellha tibqa’ fis-sehh sat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru elfejn u tlieta (2003).

Peress illi ghadha dovuta lis-socjeta’ attrici in linea ta’ kera s-somma ta’ elf erba’ mija u tlieta u tletin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1433.34).

Peress illi ghalkemm interpellata diversi drabi il-konvenuta qed tirrifjuta li thallas din is-somma.

Peress illi l-attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma flimkien ukoll ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u ta’ l-ittri interpellatorji datati ghaxra (10) ta’ Gunju elfejn u tlieta (2003) u hmistax (15) ta’ Lulju elfejn u tlieta (2003), ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Awissu 2003, kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.”

Sema’ lill-konvenuta li dehret mhux ippatrocinata u wiegbet verbalment fis-sens li hija kienet hallset ghas-saldu meta tterminat il-kirja taghha. Hallset kemm talabha l-manager tal-kumpless Tigrija Palazz u ghalhekk dehrilha li ma kellhiex x’taghti iktar.

Ikkunsidra:

Illi mhux kontestat illi l-konvenuta kellha taghti pre-avviz ta’ sitt xhur qabel it-terminazzjoni tal-kirja liema pre-avviz ma nghatax u ghalhekk hija dovuta l-kera ta’ dan il-perjodu almenu skond il-kuntratt esibit Dok A;

Illi l-ahhar pagament maghmul mill-konvenuta, u li hija tippretendi li kien ghas-saldu, maghmul minnha fil-31 ta’

Mejju 2003, kien lit-Tigrija Palazz Association. Il-bilanc li ghandha taghti huwa lil entita' differenti, it-Tigrija Developments Limited, u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li permezz ta' dak il-pagament, din il-kumpannija kienet thallset, u thallset ghas-saldu. Del resto, kif inhu maghruf tajjeb, min jallega jrid jipprova u l-konvenut naqset li ggib prova konvincenti li l-pagament sar ghas-saldu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' LM1,433.34 ammont ta' kera dovut skond kif indikat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorja tal-10.06.2003; 15.07.2003 u tal-ittra ufficjali t'Awissu 2003 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------